

Brussell, 24 ta' Jannar 2025  
(OR. en)

5585/25

---

**Fajls Interistituzzjonali:**

2014/0047(NLE)  
2014/0045(NLE)  
2014/0046(NLE)  
2014/0048(NLE)  
2014/0049(NLE)  
2014/0050(NLE)

---

**LIMITE**

**AELE 7**

**FL 4**

**ISL 4**

**N 4**

**EEE 4**

**RELEX 82**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: a) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fiż-Żona Ekonomika Ewropea u ta' tliet ftehimiet relatati  
- Adozzjoni  
b) Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fiż-Żona Ekonomika Ewropea u ta' tliet ftehimiet relatati  
- Approvazzjoni tal-verżjoni bil-lingwa Irlandiża

---

1. Fit-18 ta' Frar 2014, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposti għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta':
  - a) il-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fiż-Żona Ekonomika Ewropea u l-Protokoll relatat, biex tiġi kkunsidrata l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (id-dokument 6690/14 + ADD 1-4)
  - b) Protokoll Addizzjonali mal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja, sabiex titqies l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (id-dokument 6697/14 + ADD 1) u

- c) Protokoll Addizzjonali mal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-  
Repubblika tal-Iżlanda, sabiex titqies l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea  
(id-dokument 6685/14 + ADD 1).
2. Fl-istess data, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill  
dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fiż-  
Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE).
  3. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles  
(EFTA) tal-4 ta' Marzu 2014, id-delegazzjonijiet qablu dwar is-sustanza tal-proposti tal-  
Kummissjoni msemmija hawn fuq u ddeċidew li jgħaqqdu t-tliet fajls f'wieħed.
  4. Fl-24 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-  
applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja  
fiż-Żona Ekonomika Ewropea u tat-tliet ftehimiet relatati, kif tinsab, wara l-  
finalizzazzjoni mill-Ġuristi Lingwisti, fid-dokument 6693/14<sup>1</sup>.
  5. Fl-istess data, il-Kunsill iddeċieda li jitlob il-kunsens tal-Parlament Ewropew, wara l-  
iffirmar, abbażi tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar  
il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fiż-Żona Ekonomika Ewropea u tat-tliet  
ftehimiet relatati, kif jinsab, wara l-finalizzazzjoni mill-Ġuristi Lingwisti, fid-dokument  
6698/14.
  6. Il-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fiż-ŻEE u t-tliet ftehimiet  
relatati ġew iffirmati fil-11 ta' April 2014.
  7. Fis-16 ta' Diċembru 2014, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu.
  8. Fid-19 ta' Lulju 2024, ġew iffinalizzati l-proċeduri ta' ratifika tal-Ftehim u tat-tliet  
ftehimiet relatati mill-Istati Membri.

---

<sup>1</sup> Il-ftehim u l-ftehimiet relatati, wara l-finalizzazzjoni mill-Ġuristi Lingwisti, jinsabu fid-  
dokument 6696/14.

9. Fis-17 ta' Settembru 2024, il-verżjonijiet bil-lingwa Irlandiża kemm tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-parteciġazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fiż-Żona Ekonomika Ewropea u tat-tliet ftehimiet relatati (id-dokument 6698/14) kif ukoll tal-Ftehim u l-Protokolli relatati nfushom (id-dokument 6696/14) saru disponibbli.
10. Fis-27 ta' Jannar 2025, il-Grupp ta' Hídma dwar l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) ġie infurmat dwar is-sitwazzjoni attwali ta' dan il-fajl.
11. Ser tintbagħat *Note Verbale* lill-partijiet terzi taż-ŻEE li r-referenzi għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq fil-Ftehim dwar il-parteciġazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fiż-Żona Ekonomika Ewropea ma għadhomx jgħoddu.
12. Filwaqt li jiġi kkunsidrat dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, permezz ta' punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:
  - jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-parteciġazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fiż-Żona Ekonomika Ewropea u ta' tliet ftehimiet relatati, kif tinsab, wara l-finalizzazzjoni mill-Ġuristi Lingwisti, fid-dokument 6698/14,
  - japprova l-verżjoni bil-lingwa Irlandiża tal-Ftehim u tal-Protokolli relatati nfushom (id-dokument 6696/14),
  - jordna l-pubblikazzjoni tal-verżjoni bil-lingwa Irlandiża tal-Ftehim u tal-Protokolli Relatati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
13. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew.